# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 16 ta' Marzu,2000.**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 1174/95 JF**

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Ltd. u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Mintoff sija bil-polza u sija bil-ligi.**
**173, Old Bakery Street, Valletta.**
**U b'nota datata 22/11/99 dahlet GASAN MAMO INSURANCE AGENCY LIMITED li assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta' estera Royal International Insurance Holdings Ltd.**
**vs**

**Carmelo Mifsud**

**24, Bishop Street,**

**Zebbug.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-31 ta' Lulju, 1993, gewwa Mellieha, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru K-7366 huwa habat mal-karozza numru F-1919 misjuqa minn l-assikurat Raymond Mintoff stess assikurat taht polza "comprehensive" mal-attur nomine.

U premess li dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U premess li in vista tal-imsemmija polsa l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karozza assikurata mieghu.

U premess li l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas, huwa baqa' inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur noe;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine okkorrendo in-nomina ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur noe in linea ta' danni s-somma hekk likwidata.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru, 1993, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Mifsud, fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni, izda gara tort unikament tal-assigurat tas-socjeta' attrici li kontra tieghu qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnu kkawzati.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li din hija kawza ghal danni li l-assikurat tal-attur nomine kien involut fiha meta l-karozza misjuqa minnu - Renault 19 bin-numru tar-registrazzjoni F-1919 -sfat mahbuta ma' karozza ohra, misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni K-7366. Il-habta sehhet fil-31 ta' Lulju 1993 fil-Mellieha, quddiem il-"Belle View Restaurant", u ezattament biswit il-"Petrol Station" faccata ta' dan il-lokal mnejn sporgiet il-vettura tal-konvenut u meta fit-Triq il-Kortin (hija u tiehu ghal Main Street) kien hemm il-vettura ta' Raymond Mintoff, l-assikurat tal-attur nomine. Hadd mis-sewwieqa ma ammetta t-tort.

Iz-zewg verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa dwar id-dinamika tal-habta tikkontrasta sew. Oltre dan, l-assikurat tal-attur nomine lanqas jaqbel ghal kollox ma' l-iskizz a fol. 45 maghmul wara l-habta minn P.S. Joseph Grima billi skond hu l-"petrol station" mnejn xiref il-konvenut Carmelo Mifsud kienet aktar 'il barra. Minbarra dan, filwaqt li l-assikurat tal-attur ighid li hu kien wieqaf fil-mument meta ntlaqat fil-genb lemini, il-konvenut invece sostna li dan ma kienx minnu billi huwa ma rax lill-assikurat tal-attur nomine sal-mument tal-habta u dan minkejja li ma kellu xejn x'jostakolalu l-vizwali tieghu vis-a`-vis it-traffiku li seta' kien ghaddej jew kellu quddiemu. Jirrizulta inoltre li l-assikurat ta' l-attur nomine kien fi hsiebu jmur lejn il-Mellieha, cjoe' fuq il-lemin tieghu, filwaqt li l-konvenut kien proprju dak il-hin jisporgi lejn Triq il-Kortin fejn din tmiss ma' Main Street biex jipprocedi lejn Selmun. Qabel il-habta jirrizulta wkoll li l-konvenut kien ghadu kemm ha l-petrol mill-"petrol station" li minna effettivament hareg. L-impatt tal-habta ma kienx wiehed goff u sar billi l-konvenut baqa' diehel fuq il-genb lemini, naha ta' quddiem, tal-vettura tal-assikurat tal-attur, bil-ponta xellugija ta' quddiem tal-vettura tieghu (i.e. tal-konvenut).

Illi m'hemmx dubbju li kien hemm nuqqas ta' tharis ta' dak li jissejjah "a proper look-out" minn xi wiehed jew miz-zewg xufiera nvoluti. Jigi nnutat li fil-mument li s-surgent Grima kien jinvestiga l-habta, l-assikurat tal-attur nomine allega mieghu li l-konvenut "kien aljenat ihares lejn ir-'right' isuq 'l isfel, daqqlu l-horn biex jigbidlu l-attenzjoni, pero' kien inutli u (il-konvenut) habat fih ......." L-assikurat tal-attur nomine mhux biss ikkonferma u kkorrobora dawn il-fatti determinanti, imma hemm rifless skjaccjanti taghhom fil-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut innifsu meta dan jistqarr (ara fol. 53, in kontro-ezami) li huwa habat u ra lill-assikurat tal-attur nomine,

> *"kif hbatt ezatt. Kif dawwart wicci sibtu mieghi u lanqas brake ma zammejt ......."*

Jista' jkun li l-vettura ta' Mintoff kienet vicina hafna tal-"petrol station" pero' x-xufier taghha jghid li hu kien wieqaf u mhux miexi kif allegat mill-konvenut. Il-Qorti tirrileva li apparti dak li jallega l-assikurat tal-attur nomine dwar in -nuqqas ta' attenzjoni min-naha tal-konvenut, li l-istess konvenut kien dak il-waqt fil-process li johrog minn "petrol station" ghal gewwa t-"traffic flow" u kellu d-dover jara li dan seta' jaghmlu liberament qabel ma jibqa' hiereg kif ghamel. Minn dak li gie prodott bhala provi, il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-assikurat tal-attur nomine tirrizulta l-aktar wahda attendibbli u verosimili. Illi ghalhekk jirrizulta li l-attur nomine ipprova sufficjentement il-premessi u talba tieghu dwar ir-responsabbilita' tal-konvenut ghas-sinistru u danni minnu kkaggjonati bhala konsegwenza.

QUANTUM TAD-DANNI

Bhala konsegwenza tal-habta jirrizultaw is-segwenti danni fil-vettura ta' Mintoff kif assodati mhux biss bix-xhieda tal-assikurat tal-attur nomine imma wkoll b'dokumenti relativi:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Hlas survey report | Lm | 5.00 |
| 2. | Hlas Road Accident Report tal-Pulizija | Lm | 3.00 |
| 3. | Hsarat fil-vettura | Lm | 432.35 |
| | Total: | Lm | 440.38 |

(Erba' mija u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu).

Dawn id-danni ma gewx kontradetti minimament bi provi kuntrarji min-naha tal-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici b'dana li ghall-fini tat-tieni (2) talba qeghda tillikwida in linea ta' danni s-somma ta' Lm440.38c u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur nomine l-imsemmija danni bl-interessi legali b'effett mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

Il-konvenut qed jigi wkoll ikkundannat li jhallas il-kap tal-ispejjez.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md